**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**7 ta' Marzu, 2021**

# KRISTU FIĊ-ĊENTRU

Dak li nkiteb u dak li seħħ fl-Antik Testment sab il-milja tiegħu fi Kristu. Tiftakru meta Ġesù daħal fis-sinagoga, qara mill-Ktieb ta' Isaija l-profeta u qal, "Din il-kitba seħħet illum, intom u tisimgħu". Stagħġbu għal kliemu imma Ġesù kien jaf li ma kellhomx pjaċir bih u qalilhom, "L-ebda profeta ma huwa milqugħ tajjeb f'pajjiżu". U xegħlu għalih.

Aħna sikwit nisimgħu lil Ġesù jkellimna. Kif qed tħallina l-Kelma t'Alla? Kif iħallina r-Randan b'dak kollu li joffrilna? Veru li għaddejjin minn żmien diffiċli bil-pandemija. Minkejja dan, dan iż-żmien xorta nistgħu ngħixuh b'impenn kbir. Ngħid li bħalissa għandna l-vantaġġ li bil-pandemija għandna iktar possibbiltà li nsumu minn dak kollu li jitfagħna lura. Għall-Papa Franġisku s-sawm ifisser dan li ġej:



- Għid kliem ħanin u ċċaħħad minn kliem li jweġġa'
- Tgħallem apprezza u tgergirx
- Kun paċenzjuż u tirrabjax
- Ittama u tkunx pessimist
- Ħalli f'idejn il-Mulej u tinkwetax iżżejjed
- Itlob u tistressjax ruħek iżżejjed
- Aħfer u żżommx f'qalbek għall-oħrajn
- Iskot u tgħidx kliem żejjed

***L-Arċipriet***

**SENA ĊENTINARJA - 21:** Barra mill-membri attivi l-Leġjun ta' Marija jsieħeb ukoll l-Awżiljarji, "il-ġewnaħ tax-xellug", li jaċċettaw li jgħidu t-talb tat-tessera mqassam flimkien mar-rużarju bħala att ta' qima lil Marija.

**ROKNA EKOLOĠIKA: SINJAL MIS-SOUTH AUSTRALIA**

Mill-1 ta' Marzu li għadda, l-Istat ta' South Australia qed jipprojbixxi l-użu tas-seffut (straw) tal-plastik, kuċċarini, imgħaref, skieken u frieket li s-soltu nużaw fil-barbeques. Dan l-istat huwa fuq quddiem fil-pajjiżi għall-ġenerazzjoni ta' enerġija rinovabbli.

**IL-LEZZJONIJIET TAL-MUŻEW**

Għad-dawl tas-sitwazzjoni preżenti fil-gżira tagħna, il-Kappillani t'Għawdex flimkien mal-Isqof iddeċidew li bħala prekawzjoni l-katekiżmu fiċ-ċentri tagħna jiġi sospiż min-nhar it-Tnejn 8 ta' Marzu sa wara li jintemmu l-vaganzi tal-Għid. Iċ-ċentri tal-Mużew infushom se jinfurmawkom kif se jipproċedu dwar il-lezzjonijiet.

**L-EWWEL TQARBINA U L-GRIŻMA**

Kien hemm xi ġenituri li staqsew biex ikunu jafu l-ħin tal-Ewwel Tqarbina u tal-Griżma. Il-ħin tal-quddiesa tal-Ewwel Tqarbina huwa fl-10:00am fit-30 ta' Mejju. Il-ħin tal-Griżma huwa fis-7:00pm fil-5 ta' Ġunju. Kif tafu biex isiru dawn iċ-ċelebrazzjonijiet dejjem ikun possibbli li jsiru jekk id-direttivi tal-Awtoritajiet tas-Saħħa jkunu jippermettu. Bħalissa rridu nipprogrammaw għax-short term.



## AVVIŻI OĦRA:

**MARATONA MISSIO 2021:** l-Uffiċċju Missjunarju qed jorganizza maratona b'risq il-missjoni nhar is-Sibt 13 ta' Marzu li ġej. Minn din il-maratona jibbenefikaw il-Missjunarji Għawdxin ukoll. Il-maratona tintwera fuq it-TV u ddum sejra minn nofsinhar sa nofsillejl. Ħudu sehem u agħtu d-donazzjoni tagħkom għal din l-opra qaddisa.

**GĦOTI TAD-DEMM:** imiss nhar it-Tlieta 9 ta' Marzu mis-1:00pm sal-5:00pm fil-Berġa tax-Xewkija. Inħeġġukom tmorru tagħmlu dan l-att ta' karità.

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Matul il-Ġimgħa:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**Is-Sibt filgħaxija:** 5:00pm; 6:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am